MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Numru 386/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Kontra**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Azzopardi ta’ 35 sena, bin Francis u l-mejta Doris nee Aquilina, imwieled il-Pieta’ fis-17 ta’ Ġunju 1970 u li joqgħod 7B Triq Dwardu Bormla. Huwa detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru **267970 (M)**

Akkużat talli fil-21 t’April, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda

a) irċieva mingħand xi ħadd ieħor jew ħsieb minn għand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw lilu jew lil oħrajn b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 298C tal-Kap 9;

b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 251B tal-Kap 9;

ċ) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, hedded lil Glenn Debattista b'liema theddid , wkoll jekk bil-fomm, kien hemm ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 249(2) tal-Kap 9;

d) u aktar talli fl-istess lokalitajeit u ċirkostanzi, bla ħsara għal kull dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għall-użu ta' armi tan-nar, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna; jew fil-ħin li ġie arrestat għall-għemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-aritkolu 26 tal-Kap 66 u l-artikolu 18 tal-Kap 9;

e) U aktar talli nhar il-21 t'April, 2005 fil-Furjana kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta lit kun b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta u cioe' mus mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

f) B'hekk l-imputat sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska tal-oġġetti esibiti kif ukoll biex

tikkundanna lill-imputat għall-ħlasijiet tal-esperti mqabbda mill-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2679 tal-1970 u li juri li l-imputat twieled fis-17 ta' Ġunju 1970 il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 18 u 27), l-esibiti a fol 27 (toy gun, holder mimli pallets u pakkett żgħir mimli pallets; penknife, mobile phone, sim card u żewġ batteries, l-istqarrija tal-imputat u dokumenti (fol 27)), id-digriet tal-Qorti li bih sfilzat il-fedina penal ital-imputat u ordnat lit kun rinpjazzata b'fedian peanli li kienet ippreżentata dak il-jum stess (fol 67) u l-fedina penali ta' John Glenn Debattista mitluba mid-difiża.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Proekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**Il-fatti**

6. Skond il-prosekuzzjoni nhar il-21 t'April, 2006 il-Pulizija kienet irċeviet rapport minn għand ċertu Glen Debattista li f'Awwissu 2005 huwa kien issellef is-somma ta' Lm4000 minn għand l-imputat ta' liema soma l-imputat kien qed jitolbu Lm8000. Dan kellu jsir permezz ta' pagamenti ta' Lm500 fix-xahar. Glen Debattista kien irraporta wkoll li f'April 2006 huwa kellu telefonata minn għand l-imputat sabiex Glen Debattista jħallas fl-4 tax-xahar flok fil-5 tax-xahar minħabba li l-imputat kien ser isiefer. Meta l-imputat irritorna mis-safar huwa kien beda jhedded lil Glenn Debattista li jekk ma jħallasx kien ser jibagħtlu erba' Taljani biex jagħtuh xebgħa.

7. Minn meta rritorna lura l-imputat, dan beda jtella' l-imgħax bl-20% u għalhekk nhar il-21 t'April 2006 Glenn

Debattista kellu jagħti lill-imputat Lm11,000 talli ma kienx tah pagament ta’ Lm500.

8. L-imputat kien ukoll jagħmel xi storbju barra l-bieb ta’ omm Glenn Debattista.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

9. Il-Prosekuzzjoni hanw ippreżentat plastic toygun li jispara l-pellets u esibiti oħra li ssemmew aktar ‘il fuq fosthom flickknife. (Ara fol 32).

**L-Istqarrija tal-imputat.**

10. Fl-istqarrija tiegħu (fol 37) l-imputat qal li hu kien jislef il-flus mingħajr imgħax. Huwa nnega wkoll li sellef xi flus bl-użura. Lil Glenn Debattista kien jisilfu l-flus u Glenn Debattista dejjem kien tahomlu lura. Ġieli kien iħalli l-flus għand omm Glenn Debattista. L-imputat qal li Glenn Debattista kellu jagħtih lura Lm4000 u li kien qiegħed iħallas bir-rata ta’ Lm500.

11. Lil Glenn Debattista kien sellfu wkoll Lm4000 biex iħallas il-VAT u dawn kellu jagħtihomlu sat-22 t’April 2006.

12. L-imputat insista li huwa dejjem sellef lil Glenn Debattista bi pjaċir. Huwa kkonferma li l-aħħar pagament li kellu jagħti lill-imputat kien fil-5 t’April, 2009 iżda nnega li kien talbu Lm11,000 jew li kien qed jiċċarġja lil Glenn Debattista bl-20%. Dak in-nhar stess tal-istqarrija (21 t’April 2006), Glenn Debattista kellu jagħtih pagament ta’ Lm500.

13. L-imputat innega wkoll li kien hedded lil Glenn Debattista (fol 38) jew li ser iqabbad xi erba’ Taljani biex jagħtuh xi xebgħa. Huwa qal li ma kienx hedded lil Glenn Debattista bit-toygun anzi Glenn Debattista kien jaf li t-toygun kien tal-plastik għaliex kien tah toygun hu stess. (fol 39).

14. Fost id-dokumenti esibiti hemm żewġ dokumenti li fihom Glenn Debattista jikkostitwixxi ruħu debitu versu l-imptuat fis-somma ta' Lm7,450 uLm7650 rispettivament u dawn iġibu d-dati tat-22 t'Ottubru 2002 u 12 ta' Ġunju 2003.

**Ix-xhieda ta' Glenn Debattista.**

**15. Glenn Debattista** (fol 86) xehed li minn għand l-imputat huwa kien ssellef minn għalih xi Lm4000 u kienu jagħtihom lura Lm400 fix-xahar. Huwa kellu jagħtih Lm8000 tal-Lm4000 mislufa. Wara mistoqsija mill-Qorti, ix-xhud ikkonferma li f'16-il xahar kellu jagħti Lm8000. (fol 87). Jekk kien jaqbeż xi pagament kien iżommlu xi ħaġa aktar. Meta l-Prosekutur staqsieh kemm kein baqagħlu flus x'jagħti lill-imputa meta għamel ir-rapport huwa qal li kein jonqsu madwar Lm2000.

16. Glenn Debattista ċaħad li l-imputat qatt heddu biex jagħtih il-flus. Meta imbagħad issemma t-theddid b'arma, ix-xhud qal li minn għalih dan it-theddid sar darba. Dwar theddid bit-Taljani , huwa qal li dan l-imputat kien għamlu minħabba li kien qabż xi pagament. Il-pagament kien jew Lm10,000 jew Lm11,000. Dawn kienu tal-Lm500 u mhux għax it-tmint elef telgħu Lm11,000. (fol 89 u 90).

17. Hawn il-Qorti staqsiet:

'Ta' Lm500 tagħtih Lm11,000? Qed tisma' tajjeb il-Qorti?'

Ix-xhud wieġeb: 'Iva.'

18. U l-Qorti reġgħet staqsiet a fol 91 ukoll u saħansitra staqsiet jekk kienx qed jitfixkel Lm1,100 ma' Lm11,000. Ix-xhud baqa' jinsisti li kien ċert mill-figura ta' Lm11,000.

19. Ix-xhud ikkonferma li r-riċevuti a fol 40 sa 48 kienu riċevuti li kien jagħti ix-xhud lill-imputat li mbagħad kien jiffirmahom.

20. Fil-kontro-eżami x-xhud ta figuri oħrajn ta' kif kien jissellef minn għand l-imputat Lm2000 u jagħti lill-imputat Lm4000. (Ara fol 93). Huwa baqa' jinsisti li l-imputat kien isellef il-flus bl-imgħax.

21. A fol 94, dejjem in kontro-eżami, ix-xhud għal darbtejn insista li l-imputat kien jisilfu bl-imgħax. Ukoll għal dak is-self partikolari kien hemm karta li sar is-self. Ix-xhud dan affermah erba' darbiet a fol 95.

22. Ix-xhud kompla jgħid li kien għamel ir-rapport għaliex ta' Lm500 kien wasal Lm11,000 (fol 96). Il-pagament kien parti mit-Lm8,000. L-imputat ried Lm11,000 għal Lm500.

23. Għal mistoqsija oħra x-xhud insista li s-somma mitluba kienet Lm11,000.

24. A fol 95 ix-xhud qal hekk:

'U beda jtella' u qalli li dawk mhxu flusi u flus it-Taljani u mhxu Taljani u ried imbagħad Lm11,000 minn għandi tal-Lm500. Dik hi l-istorja.'

25. Ix-xhud qal li l-imputat kien heddu b'pistola meta kien tas-Sliema iżda l-jum ma ftakrux iżda aktarx fis-Sajf. (fol 98).

**Xhieda tal-Imputat (fol 111 et).**

26. L-imputat qal li huwa kien sellef Lm4000 lil Glenn Debattista (fol 112) minħabba li kien ser jieħu xi kuntratt tal-Gvern. Dan tal-aħħar kien jagħtih bit-tant fix-xahar. (fol 112). Imbagħad Glenn Debattista kien talbu Lm4000 biex iħallas lil tal-VAT. B'kollox kien ta Lm8,000 lil Glenn Debattista. L-imputat qal li Glenn Debattista kellu jagħtih żewġ vannijiet li kienu written off mill-isnurance biex dawn l-imputat seta' jgħaqqadhom f'wieħed.

27. L-imputat kellu jagħtih tmint elef lira Maltija. Glenn Debattista qatt ma ħallas dawn it-Lm8,000.

28. Fil-kontro-eżami l-imputat qal li kien sellef il-flus Glenn Debattista diversi drabi iżda ma kienx iżommlu imgħax. Dwar id-dokumenti esibiti, ix-xhud l-ewwel qal li dawn kienu jirreferu għal dejn qabel u imbagħd ċaħad li l-firma kienet tiegħu. Imbagħad ammetta (għalkemm mhxu b'ċertezza) li r-rievuta a fol 44 kienet tiegħu.

29. L-imputat ċaħad li hu qatt sellef lil Glenn Debattista xi flus bl-użura.

**Xhieda Rachel Scolding.**

30. Din ix-xhud hija l-partner tal-imputat. Hija qalet li kienet ilha taf lil Glenn Debattista daqs kemm kienet ilha taf lill-imputat. L-imputat kien sellef Lm4000 lil Glenn Debattista minħabba kuntratt tal-Gvern u Glenn Debattista kellu jħallashom f'xahrejn. Xahar wara Glenn Debattista talab aktar flus minħabba d-dejn mal-VAT Department. (fol 121). Għal dan is-self ma kienx hemm interessi iżda Glenn Debattista kellu jagħti ż-żewġ vans imsemmija aktar 'il fuq.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

31. F'każ ta' xhieda kuntrastanti, il-Qorti tista' tikkonkludi li m'hemmx provi biżżejjed jew inkella tikkonsidra liema mill-verżjonijiet hija l-aktar attendibbli.

32. Il-Qorti għandha quddiemha biżżejjed biex tiddeċiedi lil min għandha temmen. Il-Qorti ssib li l-verżjoni ta' Glenn Debattista għandha aktar mill-verita'. Il-fatt li fedian penali ta' xhud mhix waħda sabiħa ma jfissirx li awtomatikament il-Qorti għandha tiskarta l-verżjoni mogħtija mix-xhud.

33. L-ewwelnett il-Qorti mhix qed temmen lill-imputat meta fl-istqarrija u fuq il-pedana tax-xhieda jgħid li huwa kien jislef bi pjaċir.

34. Lanqas ma hi qed temmen ix-xheida tal-partner tal-imputat Rachel Scolding li m'għamlet xejn ħlief serviette ta' forċina għal dak li kein xehed l-imputat.

35. Fuq kollox il-Qorti eżaminatg bior-reqqa kif xehed Glenn Debattista li baqa' jisnsiti fuq il-verżjoni li ta' Lm500 kien qed jintalab Lm11,000 ukoll meta għafsitu l-Qorti kif ukoll meta kien kontro-eżaminat mill-Avukat Difensur.

36. Il-fatt li l-karta tal-ftehim ma kinitx prodotfta ma jfissirx li ma saritx il-prova. Il-karta tal-ftehim kienet tkun l-aħjar prova iżda mhix indispensabbli sabiex il-Qorti tasal għall-verita' f'dan il-proċess. Lanqas m'hi *sine qua non* mil-Liġi Proċedurali.

37. Apparti dan kollu, min isellef b'imgħaxijiet oltre dawk li huma permessi bil-liġi mhux ser joqgħod jintrabat bil-karti.

38. Il-Qorti qieset ukoll li x-xhud wera kif kien hemm pattern fis-self li kien isir qabel: jiġifieri kull darba jrid jingħata d-doppju tal-kapital. U dan mhux għax is-self ikun ser isir għal xi żmien ta' xi għoxrin sena. Per eżempju, terminu minnhom kien sakemm Glenn Debattista jieħu l-kuntratt tal-Gvern . Dawn il-kuntratti qatt ma jdumu ma jingħataw ħlief ftit xhur wara li jagħlqu l-offerti u l-offerti s-soltu jdumu miftuħa madwar tliet ġimgħat jew xi ftit aktar.

39. Il-Qorti hija konvintissima li l-imputat tassew kien qed jitlob imgħax li jiżboq dak permess mil-Liġi b'mod pertikolari dak li **għal Lm500 kien qed jagħfas lil Glen Debattista sabiex jagħtih Lm11,000.** Lanqas li kieku wieħed kellu jieħu l-aħjar ipotesi favur l-imputat – jiġifieri li din is-somma ta' Lm11,000 kienet tinkludi l-interessi ta' 8% fuq Lm8000 għal sena għaliex il-figura t-totali finali l-aktar li kienet tista' tasal kienet Lm8640 (fuq sena) u Lm9240 (fuq sentejn) u mhux Lm11,000. Aħseb u ara kemm l-imputat kien qed jiżboq l-imgħax permess mil-Liġi jekk, kif irriafferma Glenn Debattista, l-ammont ta' Lm11,000 intalab fuq Lm500.

40. Mix-xhieda mogħtija jirriżulta mingħajr l-iċken dubju li s-self b'imgħax oltre dak li trid il-Liġi sar fil-parametri taż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni tant li Glenn Debattista għamel ir-rapport tiegħu ukoll propju fl-istess żmien. Wara dan ir-rapport il-Pulizija immedjataament ħadet il-passi.

41. Il-Qorti fliet ix-xhieda ta' Glenn Debattista diversi drabi u ddeċidiet li din hija l-verita' u mhux l-istqarrija tal-imputat, ix-xhieda tal-imputat u x-xhieda ta' Rachel Scolding.

**42. Għalhekk qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.**

**L-imputazzjonijiet (b) u (ċ).**

43. Dawn l-imputazzjonijiet t-tnejn għandhom x'jaqsmu mat-theddid. Glenn Debattista xehed dwar dawn ukoll u kien aktar ċar fil-kontro-eżami milli fl-eżami. Għalkemm jirriżulta li sar xi theddid, l-allegat vittma ma tax indikazzjoni taż-żmien ċara biżżejjed sabiex il-Qorti tkun tista' tara jekk l-imputazzjonijeit jinkwadrawx fit-terminu indikat fl-imputazzjoniet.

44**. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.**

**L-imputazzjoni (d)**

45. Il-Prosekuzzjoni ppruvat soddisfaċentement li l-imputat kellu toygun. Filfatt dan kien esibit. Glenn Debattista qal ukoll li kien mhedded b'pistola f'Tas-Sliema iżda ma setax jiftakar id-data.

46. **Minħabba in-nuqqas ta' indikazzjoni tad-dati, il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati li hedded lil Glenn Debattista b'pistola u għalhekk qed tilliberah minn din l-imputazzjoni.**

**L-imputazzjoni (e)**

47. Il-Prosekuzzjoni penknife li kien elevat minn għand l-imputat. Iżda d-data indikata fl-imputazzjoni hija '21 t'April, **2005'** meta l-perkwiżizzjoni saret fil-**21 t'April, 2006**. **Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.**

**L-addebitu tar-Reċidiva**

48. Ebda sentenza ma kienet ippreżentata fil-konfront tal-imputat. Il-fedina penali mhix biżżejjed biex issir il-prova tal-addebitu tar-reċidiva. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

49. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f) 18, 28A, 298C (1) , 251B, 242, 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 26 u 13 tal-Kap 66 li kien viġenti fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni mmarkata (a) , qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni (immarkati (b) u (ċ)), mhix issibu ħati u qed tilliberah tal-imputazzjoni (d) qed tilliberah mill-imputazzjoni (e) u mill-addebitu tar-reċidiva.(immarkat (f))

50. Il-Qorti, wara li qieset il-fatti kollha kif ukoll li l-fedina penali tal-imputat mhux nadifa qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' għaxar xhur li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin mil-lum jekk kemm-il darba ma jwettaqx xi reat matul il-perjodu operattiv u għall-ħas ta' multa komplessiva ta' €1200. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erbgħa ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk il-multa jew parti minnha ma titħallasx, il-parti mhux imħallsa tinbidel skond il-Lii f'jiem ta' priġunerija.

51. Il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-oġġetti esibiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------